MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2014

Numru 214/2013

Il-Pulizija

vs

Pius sive Piu Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 249660(m), akkuzat talli:

1. nhar l-4 ta' Marzu 2013 ghal habta tat-3.30pm gewwa Triq il-Kbira, l-Imgarr, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Ps1574 Renaldo Cremona, Pc926 Lawrence Azzopardi u WPc301 Loren Vella persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti – ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-paci pubblika – ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehedli jkun inkarigat minn servizz pubbliku, Ps1547 Renaldo Cremona, Pc926 Lawrence Azzopardi u WPc301 Loren Vellajew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li

kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew setghu ghamlu skont il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun – ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecent li anka jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika – ai termini tal-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet il-provi inkluz l-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li jinsabu pruvati huma li fid-data u l-hin indikati fit-tahrika, ufficjali tal-pulizija kienu rikjesti jesegwixxu mandat ta' arrest ordnat mill-Qorti tal-Magistrati kontra l-imputat. Wara li kienu infurmaw ruhhom fejn setghaw jsibu lill-imputat huma marru fejn il-knisja tal-Mgarr fejn stennew barra. Dak il-hin kien hemm funeral li l-imputat attenda ghalih. Fil-hin li spicca, is-surgent li kien akkompanjat minn zewg kuntestabbli, osserva lill-imputat hiereg u indikalu biex jersaq lejhom. L-imputat hekk ghamel. Gie infurmat bil-mandat ta' arrest u gie lilu ordnat biex jmur mal-Pulizija bil-karozza tas-servizz ghall-ghassa tal-Mosta. Kien in segwitu ta' dan li gew intavolati dawn il-proceduri kontra l-imputat meta irrimostra li ma ridtx jigi akkumpanjat l-ghassa jekk mieghu jirkeb is-surgent. A propositu tar-rifut, l-imputat allega attriti precedent li kellu mas-surgent u stqarr li dan kien imqabbad mieghu. Il-Pulizija involuti kienu Ps1547 Renaldo Cremona, Pc926 Lawrence Azzopardi u WPc301 Loren Vella. Huma ilkoll xehdu f'dawn il-proceduri. Ilkoll affermaw li l-imputat irresista l-arrest u irrifjuta jirkeb mal-pulizija stante l-presenza tas-surgent. Jirrisulta mix-xhieda taghhom li s-surgent f'xi hin minnhom uza l-'pepper spray' u kien wara li dan ntuza li l-imputat rikeb fil-vettura tal-pulizija u ttiehed l-ghassa.

L-imputat hu akkuzat b'attakk u resistenza (Artikolu 96 tal-Kap 9) u b'offizi kontravenzjonali ghall-ksur tal-paci pubblika, li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija u li qal kliem oxen u indecent li jikkonsistu anka f'dagha (Artikoli 338/dd, 338/ee  u 338/bb tal-Kap 9.

Mill-provi prodotti l-imputazzjoni taht l-Artikolu 96 tinsab pruvata  Dan l-artikolu jipprovdi li r-reat jippersisti wkoll jekk l-attakk u resistenza  jikkonsisti f'hebb. Dan hu li jirrisulta f'dan il-kaz. M'hemmx dubbju li l-pulizija kienu qed jesegwixxu ordni ta' Qorti b'hekk li l-imputat qatt ma kien gustifikat li jopponi ghall-ordni legittima moghtija lilu b'konsegwenza li irrenda ruhu hati wkoll tal-offiza kontravenzjonali li ma obbdiex ordni legittima moghtija lilu minn awtorita', fil-kaz 'de quo' mill-pulizija. Ghandu jinstab wkoll hati tal-akkuza kontravenzjonali li kiser il-kwiet u l-paci pubblika tali li kkreja dik l- apprensjoni lill-membri tal-pulizija tant li kellu jintuza l-'pepper spray'. Ma tirrizultax pero' l-ahhar offiza kontravenzjonali.

Ghaldaqstant ssib l-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni. Tilliberah mir-raba, Rat l-Artikolu 96, 338(dd), 338(ee) u 17(d) tal-Kap 9. Tiddecidi fuq l-ewwel imputazzjoni, wara li qieset l-attenwanti generici senjatament li hawn si tratta ta’ hebb u mhux ta’ vjolenza fil-veru sens tal-kelma, li tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 b’hekk li tillibera lill-imputat ghall-perjodu ta’ sena mill-lum,

Il-Qorti ikkunsidrat wkoll li l-forza uzata fic-cirkostanzi mill-pulizija kienet ragjonevoli u fil-limiti konsentiti. Di piu’ ma rrisultax konklusivament d-daqa ta’ ponn li l-imputat allega li rceva minghad s-surgent.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------